MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Numru. 699/2000

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)
(Spettur Simon Galea)

vs

Salvatore Lawione

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Salvatore Lawione, ta' 44 sena, mwieled l-Pieta fit-22 ta' Frar, 1956, bin Carmelo u Stella nee Sammut, residenti 48 Dun Gwann Pullicino Street, Santa Margherita Mosta u bin-numru tal-identita 260556 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-4 ta' Awissu, 2000 u 5 ta' Awissu, 2000 f'Mosta Road, Lija saq jew kellu kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni

EAA 097 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Dan bi ksur tal-Artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi saq l-istess vettura EAA 097 b'manjiera perikoluza, bla kont jew bi traskuragni u meta fl-istess hin, post u cirkostanzi kien involut f'incident tat-traffiku naqas li jieqaf fuq il-post u jaghti il-generalitajiet tieghu kif mitlub mil-ligi. Dan bi ksur tal-artikolu 67 tas-sezzjoni IV tal-MVR.

U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat mal-vetturi FBL 637 u FBF 245 rispettivament u ikkagunalhom hsara konsidervoli.

Il-Prosekuzzjoni titlob li f'kaz ta' htija l-imputat Salvatore Lawione jigi skwalifikat milli jottjeni jew ikollu fil-pussess tieghu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu taz-zmien li jidhrilha xieraq l-istess Qorti.

Nakkuzah ukoll lill-istess Salvatore Lawione talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u li iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jigi zgurat li dak ir-reat kien sar u dan kollu bi ksur tal-artikolu 188 u 110 rispettivament tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 10 ta' Ottubru, 2000, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 11 tal-process.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar il-5 ta' Dicembru, 2000, (*folio* 12 tal-process) *ai*

*termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-noti ta’ sottomisssjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Mill-provi rrizulta li fil-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Awissu, 2000 ghal habta tas-2.15am il-Pulizija tad-Distrett giet infurmata li kienet sehhet kollizzjoni fi Triq il-Mosta, Hal-Lija bejn tlett vetturi, u cioe dawk bin-numru tar-registrazzjoni FBL 637, FBF 245 u EAA 097. Meta l-Pulizija marret fuq il-post sabet biss zewg vetturi u cioe’ dawk bin-numru tar-registrazzjoni FBL 637 u FBF 245 u s-sewwieqa ta’ dawn iz-zewg vetturi Christopher Bartolo u Grazio Seychell rispettivament, Dawn is-sewweiqa t-tnejn qalu lil Pulizija li vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAA 097 kienet dahlet fil-genb tal-vettura FBL 637 u wara ix-xufier ta’ din il-vettura irriversja u laqat il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBF 245 liema vettura kienet wieqfa minhabba l-habta u mbaghad is-sewwieq tal-vettura EAA 097 telaq minn fuq il-post. L-okkorrenza relattiva ghal dan l-incident tinsab esebita *a folios* 24 sa 27 tal-process. Minn indagni ulterjuri li ghamlet il-Pulizija, imbaghad irrizulta li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAA 097 kienet registrata f’isem l-imputat odjern. Fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-8 ta’ Awissu, 2000 (esebita *a folio* 19 tal-process irrizulta li l-imputat kien qal lill-Pulizija li fil-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Awissu, 2000 kienu marru xi pulizija id-dar tieghu fi Triq Dun Gwann Pullicino, il-Mosta sabiex jistaqsuh jekk huwa kienx il-proprjetarju ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAA 097 u kien f’dak il-hin li huwa ntebah li l-vettura tieghu ma kienitx ghadha parkeggjata wara l-bieb fejn kien halliha hu il-lejl ta’ qabel ghall-habta tat-8.00pm. F’din l-istqarrija l-imputat qal li fl-4 ta Awissu, 2000 huwa kien irritorna d-dar tieghu il-Mosta ghall-habta tat-8.00pmm u kien halla l-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni EAA 097 parkeggjata wara l-bieb u mbaghad qaghad id-dar jara it-*television*, xorob flixkun inbid u raqad. Huwa qal ukoll li mieghu id-dar kien hemm martu u zewgt itfal minuri. Huwa qal li meta ghal habta tal-

4.00am gew il-Pulizija ihabtulu l-bieb u staqsewh dwar il-vettura tieghu huwa intebah li din ma kienitx ghadha wara l-bieb u ghalhekk mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Mosta. Mill-provi rrizulta fil-fatt li ghall-habta tal-4.00am tal-5 ta' Awissu, 2000 l-imputat kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Mosta fejn irraporta li nsterqitlu l-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni EAA 097 (rapport esebit *a folios* 31 u 32 tal-process). Meta l-imputat gie mistoqsi jekk ghall-habta tas-2.00am huwa kienx qed isuq il-vettura tieghu meta kien taht l-influwenza tal-*alchohol* u dan fi Triq Mosta, Hal-Lija u kienx involut f'incident stradali u wara telaq minn fuq il-post huwa ghazel li ma jwegibx. Huwa ghazel ukoll li ma jwegibx ghad-domanda li saritlu li huwa fil-fatt kien ghamel rapport falz l-Ghassa tal-Mosta fis-sens li l-vettura tieghu kienet insterqet minn wara l-bieb tad-dar tieghu. Mill-provi rrizulta wkoll li l-vettura tal-imputat instabet l-ghada li sehh l-incident u din instabet in-Naxxar. PS 1377 Eamnuel Cilia li xehed fiseduta tat-23 ta' Frar, 2001 u PS 97 Joseph Zammit li xehed fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2002 spjegaw li meta huma marru fir-residenza tal-imputat sabiex jistaqsuh dwar il-vettura tieghu huma xammulu riha ta' xorb u ghalhekk sejhu fuq il-post lil Pulizjia tal-*Mobile Squad* u sarlu *breathaliser test* (kopja esebita *a folio* 28 tal-process). PS 977 Joseph Zammit xehed li kien biss wara li hu rrileva lill-imputat li kien xurban u li kien ser isirlu *breatahaliser test* li l-imputat semma li huwa kien qatta' l-lejl jixrob fuq is-sufan.

Chris Bartolo li xehed fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2006 u li kien is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta-registrazzjoni FBL 637 wara li spjega id-dinaminka tal-incident bejn it-tlett vetturi gharaf lill-imputat prezenti fl-awla bhala l-persuna li dakinhar tal-incident li sehh fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Awissu, 2000 kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAA 097. Dan ix-xhud spjega li wara li l-vettura tal-marka Lada Samara u ta' kulur ahmar dahlet fih minn wara hdejn ic-Cimiterju ta' Hal-Lija, huwa hareg mill-vettura tieghu sabiex jara x'gara u ra lis-sewwieq tal-Lada jiriversja ghal gol-vettura li kien hemm warajh li kien vann. Huwa jghid li meta hareg mill-karozza kien halla l-bieba miftuha u s-sewwieq tas-Lada saq il-quddiem u qala' l-bieba tal-vettura tieghu minn psotha u baqa' sejjer.

Chris Bartolo jghid li huwa kien ghamel wiccu mat-tieqa tal-bieba tal-vettura Lada u kien ra lis-sewwieq sew u kien gharfu bhala l-imputat. Huwa kien ukoll ha n-numru tar-registrazzjoni ta’ din il-vettura u kien ghamel rapport lil Pulizija. Chris Bartolo kien gharaf lill-imputat bhala s-sewwieq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAA 097 l-ghada tal-incident fl-Ghassa tal-Pulizijia. Victor Bartolo li kien passiggier fil-vettura misjuqa minn Chris Bartolo u li xehed fis-seduta tas-27 ta’ Gunju, 2003 ukoll kien gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kienet qed isuq l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAA 097. Huwa identifikah kemm l-ghada tal-incident fl-ghassa tal-Pulizija kif ukoll meta xehed quddiem il-Qorti.

Grazio Horace Seychell li kien is-sewwieq tal-vettura l-ohra nvoluta fl-incident u cioe’ dik bin-numru tar-registrazzjoni FBF 245 xehed fis-seduta tal-31 ta’ Mejju, 2002 fejn gie dikjarat bhala xhud ostili u huwa ta verzjoni tal-fatti differenti minn dik moghtija mill-ahwa Bartolo. Huwa qal li ma kienx gharaf lis-sewwieq tal-vettura EAA 097 u sostna li l-passiggiera u s-sewwieq tal-vettura FBL 637 kienu hargu mill-vettura taghhom u bdew jaghtu bis-sieq fuq il-bieba tal-vettura EAA 097. In kontro-ezami dan ix-xhud ammetta li huwa kien ilu jaf lill-imputat sa minn mindu kienu tfal u li kien tkellem mieghu dwar dak li kien gara.

Il-Qorti ser tiskarta kompletament ix-xhieda moghtija minn Grazio Horace Seychell ghaliex jidrilha li m’hijiex kredibbli u qed taghzel li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Chris Bartolo u minn Victor Bartolo. Irid jigi rilevat li minn ezami tal-okkorrenza esebita *a folios* 24 sa 27 tal-process jirirzulta li *a tempo vergine* dan ix-xhud, u cioe’ Grazio Seychell, ma kien qal xejn lil Pulizija dwar il-fatt li s-sewwieq u l-passiggiera tal-vettura FBl 637 kienu hargu mill-vettura taghhom u bdew jaghtu bis-sieq mal-vettura tal-imputat u dan il-fatt aktar u aktar jikkonvinci lil Qorti li x-xhieda tieghu quddiemha ma tistghax titwemmen. Kif diga’ ntqal aktar il-fuq kemm Chris Bartolo kif ukoll Victor Bartolo t-tnejn identifikaw u gharfu lill-imputat bhala l-persuna li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAA 097 meta sehh l-incident

awtomobilistiku *de quo* u l-Qorti jidrilha li x-xhieda moghtija minn dawn iz-zewg persuni hija ghal kollox kredibbili u ghandha ghaldaqstant titwemmen.

Il-Prosekuzzjoni ghalhekk irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali li l-imputat kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAA 097 fil-lejl bejn l-4 u l-5 ta' Awissu, 2000 ghall-habta tas-2.00p.m. u li huwa kien involut f'incident awtomobilistiku mal-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni FBL 637 u FBF 245 fi Triq il-Mosta, Hal-Lija. Isegwi ghalhekk li r-rapport li huwa ghamel ghall-habta tal-4.00am tal-5 ta' Awissu, 2000 fl-Ghassa tal-Mosta li l-vettura tieghu li kienet parkeggjata quddiem id-dar tieghu l-Mosta kienet insterqet matul il-lejl huwa rapport falz maghmul minnu sabiex jisvija lil Pulizija mill-investigazzjonijiet li kienu qed jahgmlu dwar l-imsemmi ncident awtomobilistiku. Huwa ghamel dikjarazzjoni falza lill- Pulizija sabiex jikseb vantagg ghalih innifsu billi jgieghel lil Pulizija jahsbu lli l-vettura tieghu kient insterqet u li waqt l-incident kienet misjuqa minn min seraqha. L-imputat sejjer ghalhekk jisntab hati ta-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

In kwantu jirrigwarda it-tlett akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tal-imputat, il-Qorti jidrilha li huma biss it-tielet akkuza u t-tieni akkuza in parti u in kwantu riferibbli ghal sewqan traskurat li jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Fil-fehma tal-Qorti ma ngabitx l-ahjar prova li l-imputat kien qed isuq waqt li kien taht l-effett tax-xorb. Il-*breathaliser test* li kopja ta-rizultat tieghu tinsab esebita *a folio* 28 tal-process fil-fatt sar sieghat wara li sehh l-incident u inoltre dan ir-rizultat ma giex konfermat bil-gurament mill-persuna lli effetwat il-*breathaliser test*. Ghalkemm PS 1377 u PS 97 it-tnejn qalu li l-imputat kellu riha ta' xorb meta marru d-dar tieghu, dawn marru fir-residenza tieghu aktar minn saghtejn wara li sehh l-incident u ghalhekk il-Qorti jidirlha li ma jistax jitqies li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien taht l-effett tax-xorb fil-hin li sehh l-incident. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma jistax jitqies li hija rnexxielha tipprova li l-imputat kien qed isuq b'mod

perikoluz u bla kont izda biss li huwa kien qed isuq b'manjiera traskurata u li huwa kkawza hsarat fil-vetturi bin-numri tar-registrazzjoni FBL 637 u FBF 245 rispettivament.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 17 u 188 tal-Kapitolu 9 l-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15 (1)(a) u (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lill-imputat hati tat-tielet u tar-raba' akkuza u tat-tieni akkuza in parte u cioe' ghal dik il-parti li tirreferi ghal sewqan traskurat u tikkundannah multa ta' tlett mitt Lira Maltin (Lm300.00) u tiskwalifikah milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' xahar (1) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal- akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------